MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 475/2013

Il-Pulizija

Supt. Raymond D’Anastas

vs

**Joseph Mizzi**

iben Saviour, imwieled l-Ghasri, fit-28 ta’ Gunju, 1956, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 38256G

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Joseph Mizzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-1 ta’ Lulju 2005 fl-Imriehel, limiti ta’ Hal-Qormi b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti kkaguna feriti gravi fuq il-persuna tal-Perit Konrad Bezzina liema feriti gabu jew setghu gabu il-konsegwenzi msemmijjin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi u/jew ukoll fi zminijiet ta’ qabel din id-data, bhala bniedem li jhaddem kellu d-dmir li jizgura s-sahha u is-sigurta tal-persuni kollha li setghu gew affetwati bix-xoghol li kien qieghed isir ghalih. (artikolu 6(12) ta' l-Att 27 ta' l-2000, Kapitolu 424).

Talli fl-istess cirkostanzi kellu d-dmir li jizgura s-sahha tal-haddiema f’kull zmien u f’kull aspett li kellu x’jaqsam max-xoghol. (Sec 4(1) ta' l-A.L. 36 ta' l-2003).

Hu kellu wara li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet tal-impriza u jew tal-istabbiliment:
(1) jidentifika l-perikoli fuq il-post tax-xoghol u kellu jevita ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta;
(2) jevalwa dawk ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta tal-haddiema li ma setghux jigu evitati u kellu jkun hemm kontroll mill-bidu; u
(3) kellu jadatta x-xoghol ghall-individwu, specjalment fejn jidhol id-disinn tal-post tax-xoghol, l-ghazla tat-taghmir tax-xoghol u l-ghazla tal-metodi tax-xoghol u tal-produzzjoni, bil-hsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xoghol monotonu u ix-xoghol b’rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effet taghhom minn qabel. (Sec 5(1)(i)(ii)(iii) ta' A.L. 36ta' l-2003).

Talli fl-istess data u cirkostanzi u/jew fi zminijiet ta’ qabel bhala bniedem li jhaddem kellu jwaqqaf u jaghti effett lill-proceduri xierqa li kellhom jigu segwiti fil-kaz ta’ periklu serju u imminenti, u ghal dan il-ghan kellu jinnomina numru bizzejjed ta’ persuni kompetenti sabiex jimplimentaw dawk il-proceduri li kellhom jigu segwiti meta c-cirkostanzi jew is-sitwazzjoni jkunu jirrikjedu l-evakwazzjoni ta’ persuni mill-post tax-xoghol, u aktar talli mill-aktar fis possibli jinforma lill-haddiema kollha li huma, jew li setghu kienu esposti ghall-periklu serju u imminenti, bir-riskju nvolut, u tal-passi li ttiehdu jew li kellhom jittiehdu fir-rigward ta’ protezzjoni kif ukoll kellu jiehu azzjoni u jaghti struzzjonijiet, sabiex il-haddiema kienu setghu, fil-kaz ta’ periklu serju u imminenti, biex jieqfu mix-xoghol u jew biex immedjatament jitilqu mill post tax-xoghol u jmorru f’post sigur. (Sec 11(ii)(a)(b)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta’ Ottubru, 2013 fejn il-Qorti kienet tal-fehma li l-imputat Joseph Mizzi ghamel dak kollu rikjest mill-ligi u ghalhekk iddikjarat lill-istess imputat Joseph Mizzi mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u minnhom illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tas-6 ta’ Novembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza msemmija fis-sens illi thassaraha u tirrevokaha fejn liberat lill-appellat Joseph Mizzi u minflok issib htija u tinfliggi l-piena idonea skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fil- 25 ta' Novembru 2013 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament zbaljat u irragjonevoli tal-provi migbura u tal-interpretazzjoni tal-Ligi in kwistjoni.

Illi l-esponent, l-Avukat Cenerali ntavola dan l-appell a bazi ta ' dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 u tal-artikolu 38(7) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponent jibda bil-premessa li fil-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-Ewwel Qorti sabiex waslet ghad-decizjoni surifferita kienet zbaljata ferm u bid-dovut rispett dan l-appell qieghed jigi intavolat sabiex din l-Onorabbli Qorti taghmel revizjoni tas-sentenza hawn fuq imsemmija u b'mod partikolari tal-applikazzjoni tal-ligijiet in kwistjoni.

Illi mis-sentenza jidher car illi l-Ewwel Onorabbli Qorti qieghda taghti interpretazzjoni zbaljata tal-kelma 'sigurta'. Dan jista' jinghad minhabba l-motivazzjoni li tat l-Ewwel Qorti sabiex liberat lill-imputat. Fis-sentenza l-Ewwel Qorti qalet is-segwenti:

*"Fid-dawl tas-suespost essenzjalment jemergi illi l-Perit Konrad Bezzina fid-data tal-incident kien mghaggel u sa halla l-karozza startjata. Inoltre probbabilment bi zball, sforz l-ghaggla li kellu, flok hu baqa' diehel gewwa, hu lewa' immedjatament wara li hareg mit-tromba tat-tarag. L-istess Perit ma kellux ghalfejn jaccedi fil-parti li fiha waqa'. L-imputat, li mhux persuna b'mestier fil-kostruzzjoni, kien ta struzzionijiet lill-kuntrattur u il-haddiema biex huma jaghlqu bil-firroll fis-sit ai fini ta' sigurta'."*

Illi jidher illi l-Ewwel Qorti meta kkunsidrat il-provi ghamlet enfasi fuq il-fatt illi l-bieb tas-sit kien jinzarnm dejjem maghluq u kien dan biss illi kkunsidrat meta giet biex tghaddi ghas-sentenza.

Illi bid-dovut rispett, it-terminu 'sigurta" huwa wiehed vast. Illi jirrizulta illi l-Ewwel Onorabbli Qorti meta interpretat it-terminu 'sigurta', ghamlet dan b'referenza ghas-sigurta' minn persuni li mhumiex awtorizzati sabiex jidhlu fis-sit in kwistjoni *(intruders).*

Illi madanakollu l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-aspett ta' safety u dan huwa dak illi l-legislazzjoni tagnna hija ntiza sabiex thares.

Huwa car illi shaft mghotti bi plastik mizmum f'postu permezz ta' seratizz mhuwiex safe u zgur illi l-ligi taghna riedet tipprotegi lil min sfortunatament iwegggha f'cirkostanzi bhal dawn. Minkejja l-fatt illi l-Perit forsi kien mghaggel u ma kellux ghaliex jersaq lejn dan is-shaft, huwa ampjament car illi s-sahha u s-sigurta' tal-persuni fuq is-sit in kwistjoni ma kientix zgurata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.
F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi, l-appellant, l-Avukat Generali ccita parti mis-sentenza tal-ewwel Qorti u minnha silet il-fatt li donnu l-unika referenza li kienet qed issir hemmhekk hi dwar il-bieb ta' barra li kellu dejjem jinzamm maghluq. Dan il-kuncett ta' sigurta' jirreferi ghall-terzi li ma kellhom ebda dritt li jkun fuq il-post ghal raguni semplici li la kienu awtorizzati, jew jahdmu jew jopprovdu servizz relatat ma dan is-sit ta' kostruzzjoni. Dik is-silota partikolari ma kinitx qed tirreferi ghall-haddiema li jahdmu fuq il-post.

Illi l-Avukat Generali ghandu ragun fuq dan il-punt partikolari izda wiehed irid ihares aktar fil-fond. Fl-ewwel lok, l-artikolu 20 ta' l-A.L. 36 ta' l-2003 jistipula fuq min taqa' l-prova taht dawk ir-regolamenti li jizguraw is-sahha u is-sigurta' fuq il-post tax-xoghol. Ghalhekk, il-kwistjoni tas-sigurta' mhix limitata biss ghall-inkolumita' ta' terzi estraneju fuq is-sit ta' kostruzzjoni. Dan hu ovvju. Dak l-artikolu partikolari jpoggi r-responsabilita' fuq min ikun ta l-appalt ta' xoghol. Hafna drabi, bhal fil-kaz in ezami, il-persuna li jinkariga lil haddiehor ghall-esekuzzjoni tax-xoghol ma jkollu ebda esperjenza ta' x'ghandu jaghmel biex jottempera ruhu mal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta jew ma din il-legislazzjoni susssidjarja partikolari. L-abbli Avukat Generali ghandu ragun li fit-trattazzjoni tieghu qal car u tond li 'ignorance of the law is no excuse' izda fil-kaz partikolari l-appellat kien konxju tal-problema tas-sigurta' fuq il-post tax-xoghol.

Illi l-appellat mhux biss qabbad il-bennejja, mar oltre. Hu qabbad il-Perit Philip Mifsud biex jissorvelja x-xoghol li kellu jsir fil-fond in kwistjoni. Tant hu hekk, li fl-24 ta' Mejju, 2005 sar ftehim bejn il-kuntrattur, l-appellat u il-perit fejn gie deciz kif kellu jsir ix-xoghol. Il-klawsola numru 12 tghid hekk:

**'Il-Kuntrattur irid jpprovdi l-materjal kollu mehtieg biex jitwettaq ix-xoghol (inkluz l-ilma) u jaghmel l-avvizi mehtiega lill-awtoritajiet koncernati, kif ukoll jassigura s-sigurta' fuq is-sit. (Spejjez ta' Wardens huma a karigu tas-sid).'**

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti hu ragonevoli li persuna li ma tifhimx jew ma ghandhiex l-esperjenza tistreih fuq il-perit taghha li ghandu d-dmir imexxiha fuq dak li hu mehtieg fuq il-lant tax-xoghol. Mix-xhieda tal-Perit Mifsud jirrizulta li hu solitu jispjega lill-kuntrattur x'ghandu jaghmel izda f'dan il-kaz hu xehed li ma jiftakarx jekk spjegax fil-fatt. Il-ligi hi

buon sens u f'dan il-kaz partikolari l-appellat mexa bil-buon sens meta qabbad il-perit biex imexxih. Del resto, ma jistax jigi presunt li l-appellat jaf il-mestier ta' perit jew dak li hu necassarju biex il-lant tax-xoghol ikun sigur. L-appellat ghamel dak kollox li kien fil-poter tieghu li jaghmel biex jassigura l-ottemperanza tieghu ma l-A.L. 36 ta' l-2003 u ghalhekk xejjen il-presunzjoni li tinsab fl-artikolu 20 ta' l-istess avviz legali.

Illi t-tieni aspett fuq il-kwistjoni tas-sigurta' hu l-plastic li kien qed ighatti s-shaft tal-lift. Mix-xhieda jirrizulta li dak il-plastic kien ghamlu l-appellat qabel ma inkariga l-perit u il-kuntrattur. Mir-ritratti ezebiti jirrizulta li hemm dislivell u ghalhekk il-plastic u l-injam kienu tqeghdu f'pozizzjoni angolata. Dan il-fatt kien vizibbli ghal kull min jersaq lejn dan il-lok. Jirrizulta wkoll li l-Perit Philip Mifsud kien inkariga lill-Perit Conrad Bezzina, perit fl-officcju tieghu, biex jiehu hsieb dan il-progett. Kemm il-kuntrattur, kif ukoll il-Perit Bezzina, kienu raw dan il-plastic u ma ghamlu xejn dwaru. Dan ifisser zewg affarijiet. Jew kienu kollha traskurati, jew fil-fehma taghhom ma kien hemm ebda perikolu f'dan il-fond. L-appellat ma jistax jigi ritenut responsabbli li ghamel xi haga hazina ghaliex in bazi tal-ftehim il-periti u il-kuntrattur kellhom jizguraw li kollox kien kif suppost, anzi l-appellat ghamel dak li fil-fehma tieghu kien sew.

Illi dwar l-incident li gara lill-Perit Conrad Bezzina din il-Qorti taqbel ma l-analizi ta' l-ewwel Qorti u ma ghandha xejn aktar x'izzid.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti kienet ragonevoli u legalment korretta fil-konkluzjonijiet taghha.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

----------------------------------TMIEM----------------------------------